VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,523, 19 ta' Jannar, 2016
Taqsima B

A.L. 23 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 65 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (4) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-applikanti għall-qasam tal-English Language tal-M.A. fl-Ingliż li m'għandhomx grad tal-ewwel ċiklu fl-Ingliż jew f'qasam relatat mill-qrib, iżda li għandhom il-kwalifika DELTA (Diploma in English Language Teaching to Adults) jew id-Dip.TESOL (Diploma in Teaching English to Speakers of Other Languages), jistgħu jkunu eliġibbli biex isegwu dan il-kors. L-applikanti kollha għandhom juru, permezz ta' ċertifikazzjoni xierqa u referenzi, li huma għallmu l-Ingliż bħala Lingwa Barranija għal mill-anqas 2000 siegħa. Id-dħul għal dan il-kors ikun jiddependi li jintlaħaq livell sodisfaċenti matul intervista."